**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 6 ta` Marzu 2018**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Michael Mallia)**

**Vs**

**JOSEPH CINI**

Kump Nru 700/2009

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Joseph Cini detentur ta' karta tal-identita bin-numru 304664M**, gie akkuzat talli:

1. F'San Pawl il-Bahar nhar it-28 t' Awwissu 2005, fi Triq it-Tartarun ikkommettejt serq ta' diversi oggetti fosthom flus kontanti (f'ammont globali ta' madwar €1800) minn gol fond 'Clover Complex' appartament numru 2010, liema reat ta' serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi s-somma ta' €232.93 (mitt Lira Maltin) izda inqas minn €2.329.37 (elf Lira Maltin) u bil-lok li sar ghad-dannu ta' Anthony Camilleri.

2. Qieghed tigi akkuzat ukoll talli rrendejt ruhek recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

3. U finalment akkuzat talli ksrit il-provediment tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija lilek mill-Magistrat Dr. S. Demicoli LL.D nhar is-27 ta’ Mejju 2003;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tal-21 ta’ Lulju 2009 (ara *folio* 32) sabiex din il-kawza titmexxa bil-procedura sommarja

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f’dan il-procediment;

Rat fuq kollox il-verbal tas-seduta ta` llum stess fejn, *inter alia*, l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u kompla jinsisti fuq din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti taghtu zmien biex jahsibha skond il-ligi;

Semghet lill-ufficjal prosekutur u lid-difensur tal-imputat jaghmlu sottomissjonijiet dwar il-piena;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew id-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti, u l-provi dokumentarji imressqa, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet imsemmija migjuba kontra tieghu gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

In tema ta` piena din il-Qorti qed tikkonsidra :

1. l-fattur tal-ammissjoni ta` l-imputat, anki jekk din zgur ma tistax titqies bhala wahda bikrija.
2. In-natura serja tar-reati kommessi;
3. Il-fedina penali xejn felici ta` l-imputat;
4. It-trapass taz-zmien;

**Konkluzjoni**

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 289, 261(b)(c)(e), 263, 267, 269, 278, 279(a) u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, **issib lil Joseph Cini, fuq ammissjoni tieghu stess, hati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu, u** tikkundannah ghall-piena ta' 12-il xahar prigunerija.

Il-Qorti, bis-sahha tad-dispost ta` l-Artikolu 533 tal-Kap 9, tordna lill-hati ihallas lir-Registratur tal-Qorti, l-ispejjez in konnessjoni mal-hatra ta` l-esperti u periti. Konsegwentement qed tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur (Qrati u Tribunali Kriminali) sabiex issehh l-ezekuzzjoni ta` din l-Ordni skond il-ligi.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur